Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Il-Pulizija

(Spettur David Galea)

vs

Nathalie Cassar

Illum 1 ta’ Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra ‘l fuq imsemmija imputata Nathalie Cassar, bint Joseph Muscat u Ann nee Brincat, imwielda Pieta fit-13 ta’ Dicembru, 1966 u ghandha karta tal-identita Nru 21767 (M) li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fil-21 ta’ Ottubru, 1999 ghall-habta ta’ 8.00p.m. fil-fond “Marantha Flats’, Flat 4, Triq it-Turisti Qawra, ikkagunat feriti ta’ natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta’ zewgha George Cassar, skond kif iccertifika Dr. Alan Muscat M.D.;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' George Cassar u ghaz-zamma tal-bonordni pubblika billi f'kas ta' htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-hatja b'garanzija taghha iniffisha taht penali ta' flus u ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija tiddikjara li ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament;

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-imputata irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija fejn qalet illi fil-21 ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tat-8.30p.m.

kienet id-dar 48, St. Mary Street, Bugibba qeghda tistenna lir-ragel sabiex igibilha lit-tfal biex tarahom. Hija qalet illi r-ragel ma kienx gabilha lit-tfal u ghalhekk hija marret id-dar konjugali 'Marantha Flats' Flat 4, Triq it-Turisti Qawra u kellmet lir-ragel minn fuq l-intercom. Hija qaltlu li kienet marret sabiex tara lit-tfal u zewgha wiegibha li t-tfal kien ser igibhomha meta jidhirlu hu. Ghalhekk hija telqet u marret il-flat bil-mixi. Stenniet sal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija u regghet marret fid-dar konjugali. Cemplet l-intercom u zewgha qalilha li t-tfal dalwaqt ikunu lesti. Hija ghamlet xi kwarta tistenna wara l-bieb, regghet cemplet u r-ragel qalilha biex titla fuq. Telghet fuq u habtet il-bieb tal-flat u semghet il-katina iccekcek u r-ragel fetah il-bieb. Hija staqsietu biex tiehu t-tfal u ghalhekk ma kienitx taf ghalfejn zewgha kien ghamel il-katina mal-bieb u zewgha wegibha li ma kienx jaf x'kien sejjer jinqala. L-imputata kompliet tghid lill-pulizija li kellha mazz cwievet f'idejha, telqithom fuq l-ewwel targa, imxiet zewg passi lura, tat daqqa ta' sieq fuq il-bieb u l-bieb infetah. Hekk kif infetah il-bieb indunat illi zewgha kien wara l-bieb u intlaqat fuq wiccu bil-bieb. Zewgha rega ghalqilha l-bieb u t-tfal baqghu ghandu. Ghalhekk l-imputata nizlet isfel u regghet marret id-dar minghajr it-tfal u marret torqod ghand missierha. Ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija zewgha cempel ghand missierha u ghall-habta ta' nofs il-lejl zewgha gie ghand

missierha u qalilha li ried l-uniformijiet tat-tfal.  Dak il-hin zewgha kien akkumpanjat mis-Surgent tal-pulizija.  Ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil;ghodu l-imputata qalet lill-pulizija li kellha titla Bugibba ma zewgha u mas-Surgent biz-zewgt itfal reqdin fil-karozza fuq wara biex igiblu l-basktijiet u l-uniformijiet.  Hija qalet illi qabel ma nizlet mill-karozza zewgha qalilha biex taghmel il-hobz lit-tfal ghaliex id-dar ma kellux hobz.  Ghalhekk marret fuq u ghamlet il-'lunch' u nizlet kollox maghha u tat kollox lil zewgha. Kompliet tghid illi wara marru l-ghassa tal-Qawra, nizlu hi u s-Surgent u zewgha u t-tfal baqghu sejrin id-dar u hija marret torqod ghand missierha.  L-imputata kompliet tghid illi hija tiltaqa ma zewgha kulljum u illi hmistax qabel ma irrilaxxjat l-istqarrija lill-pulizija zewgha kien infurmaha illi kellu sinna nieqsa.

Illi xehed George Cassar, zewg l-imputata, u spjega li dakinhar in kwistjoni t-tifel iz-zghir beda jghidlu li ma riedx imur ghand ommu.  Huwa ma ried ikellem lil hadd, dahal f'kamra fid-dlam u ma riedx johrog minnha.  Kien ghalhekk illi huwa kien inkwetat u ma rax il-hin ghaddej u kien hemm konfuzjoni shiha fid-dar.  Huwa kompla jixhed illi f'hin minnhom giet thabbatlu l-mara mal-bieb u meta giet id-dar kien ser ibexxaq u jghidilha x'kien gralu t-tifel.  Pero' martu tatu daqqa ta' sieq mal-bieb.  Kif raw hekk it-tfal telqu jigru,

marru hdejn il-gallarija u ghalhekk huwa bexxaq il-bieb u ghamel katina u fil-pront gie il-bieb f'wiccu. George Cassar kompla jixhed illi b'konsegwenza ta' hekk inkissritlu sinna tan-naha tal-lemin ta' halqu. Kellu ukoll marka ma xufftejh u ma ghajnejh. Dak il-hin storda, mar lura u l-bieb inghalaq wahdu u umbaghad l-imputata telqet minn fuq il-post. Uniformijiet tat-tfal ma kellux. L-ghada kellu jmur ghax-xoghol u ghalhekk kellu jmur l-ghassa tal-pulizija sabiex ifittxu lill-martu l-imputata u igibu l-uniformijiet ghat-tfal. U fil-fatt hekk ghamlu. Illi x-xhud ammetta illi huwa halla lill-martu xi kwarta wara l-bieb minghajr ma fethilha. Pero' qal illi dan gara ghaliex kien qieghed ibiddel lit-tfal. Huwa qal ukoll illi huwa hass illi martu kienet agitata u kien ghalhekk illi ma fethilhiex peress illi xtaq illi hija tikkalma l-ewwel.

Illi xehed Dr. Alan Attard u qal illi fit-22 ta' Ottubru, 1999 huwa kien ezamina lil George Cassar u ra illi kellu n-nejba ta' fuq tan-naha tax-xellug qeghda ticcaqlaq u kellha qasma illi kienet qeghda testendi minn taht il-hanek minn naha ta' quddiem u tkompli ghal wara ghan-nofs is-sinna. Huwa qal ukoll li din is-sinna kienet dghajfa ghaliex kienet imhassra hafna u n-'nerve' kien espost. It-tabib kompla jixhed illi l-pazjent tieghu kien tilef is-sinna u b'hekk l-offiza illi garrab kienet ta' natura gravi.

Illi xehdet l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u qalet illi fil-gurnata in kwistjoni zewgha kellu igibilha t-tfal fit-8.30p.m. Dakinhar it-tfal kellhom jorqdu maghha u kellhom iqumu ghall-iskola u ghalhekk hija bdiet icempel lill-zewgha pero' bdiet issib it-telephone 'engaged'. Ghalhekk hija marret bil-miexi ghand zewgha il-Qawra, cemplet l-intercom tal-flat u zewgha qalilha issa ingibhomlok jien lit-tfal u ghalhekk hija regghet marret id-dar taghha bil-mixi. Stenniet sad-disgha u kwart, id-disgha u nofs u r-ragel taghha kien ghadu ma giex bit-tfal. Ghalhekk fl-ghaxra neqsin kwart regghet imxiet sal-Qawra u regghet cemplet l-intercom tal-flat ta' zewgha. Zewgha fethilha l-bieb ta' isfel, telghet fuq u habtet il-bieb. Zewgha halliha tistenna ghal xi kwarta, ghoxrin minuta u t-tfal baqghu ma hargux u l-imputata xehdet illi bdiet tinkwieta hafna. F'hin minnhom semghet il-katina tal-bieb iccekcek, imbuttat il-bieb u qalet illi accidentalment laqtet wicc zewgha bil-bieb. L-imputata spjegat illi dak iz-zmien hi u zewgha kienet ghaddejjin minn hafna problemi fiz-zwieg taghhom. Kellhom in-negozzju illi falla, problemi personali bejniethom, problemi ohrajn fil-Qorti u kienu imorru wkoll diversi drabi l-ghassa l-Qawra. L-imputata kompliet tixhed illi bhalissa zewgha qieghed l-isptar peress illi ghandu cancer u fil-prezent bdew hajja gdida hi u zewgha u r-relazzjoni ta' bejniethom tjiebu hafna. Ma ghandhomx separati u qeghdin jghixu bhala familja u l-

kawzi li kien hemm quddiem il-Qorti issa kollha spiccaw. In kontro-ezami l-imputata qalet illi hija imbuttat il-bieb bir-rabja u bit-tensjoni illi kellha u mhux sabiex twegga lil zewgha. Hija qalet illi illum il-gurnata qeghda taghti hafna appogg lil zewgha illi kif diga inghad qieghed ibati bil-marda tal-cancer.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputata fuq imsemmija hija akkuzata talli ikkagunata feriti ta' natura gravi perdurata fuq il-persuna ta' zewgha.

Illi l-Qorti ezaminat akkurutament il-provi prodotti u tara illi l-incident in kwistjoni kien wiehed purament accidentali fejn l-imputata tat daqqa ta' sieq mal-bieb. Hija ma kienitx taf min kien qieghed wara l-bieb u ghaldaqstant jirrizulta b'mod car illi hija ma kelliex il-mensrea sabiex tikkommetti ferita ta' natura gravi.

Illi una volta ma jezistix l-element essenzjali tal-mensrea il-Qorti tara illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha kontra l-imputata.

Ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha l-Qorti qeghda tilliberaha minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur